# Il-Ħakma Franċiża tal-1798 - x'ġara fil-belt Senglea

## Kitba ta' Angelo Dougall

*(Il-Kitbiet mhux bilfors jirriflettu l-fehma tal- Kumitat)*

Din is-sena qegħda titfakkar f'Malta, il-ħakma tal-franċiżi, mitejn sena ilu, taħt il-General Bonaparte. Qiegħed jinkiteb ħafna dwar dawn il-ġrajjiet ta' pajjiżna. Imma mihiex daqshekk ħafif li wieħed jirrakonta din il-ġrajja ta' beltna fi ftit paġni; li jixraq għalhekk li niktbu x'ġara f'beltna f'dawk il-jiem ta' destin fl-istorja tagħna. Kien żmien ikraħ għalina, żmien ta' ħakma ħarxa, u l-Isla sofriet wisq matul dawk ix-xhur tal-ħakma franċiża; kien żmien ta' destin imqit fl-istorja ta' pajjiżna.

Fl-aħħar żminijiet tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Gwann, bħal ħafna snin oħra qabel, L-Isla kienet belt marittima, u l-għixien taċ-ċittadini tagħha kien marbut mal-baħar. Għalhekk kienu beżlin u megħdijin bil-kummerċ merkantili, bit-tarznari, bl-imħazen tal-flotot, kemm dawk ta' l-Ordni u kemm dawk tal-privat. Kien isir il-bini tal-iġfien taħt is-swar ta' San Rafel, u dawk li jagħtu għan-naħa ta' Kordin. Ħidma kbira wkoll fl-imħażen kbar qrib il-Maċina u fil-fabbriki ta' taħt Kordin. Kien hemm kummerċ mal-erbat irjieħ tad-dinja, u f' L-Isla ma' nistgħux ngħidu li kien hawn l-faqar. Biss kien hawn wisq aktar baħħara u baħrin milli kien hawn bastimenti u għalhekk ħafna baħħara Sengleani kellhom isiefru ħalli jingaġġaw ma' flotot barranin, l-aktar mal-flotta Britannika. Ġo L-Isla sfortunatament kien hawn il-piraterija li dik il-ħabta kienet komuni fid-dinja tal-baħar. Kienet tirrendi dħul ta' flus u biha sfortunatament ukoll, il-jasar (skavitu'). Fost dawk li kienu mdaħħlin f'dan il-kummerċ ta' għajb kien hemm il-kaptan Guglielmo Lorenzi, li aktar il-quddiem insibuh bħala eroj li ried jeħles lil Malta mill-ħakma tal-franċiżi. Dan kellu bastimenti tiegħu, u kien sinjur biżżejjed li jkollu dar f' L-Isla u oħra fil-belt Valletta.

Ix-Xatt ta' L-Isla kien ċentru ta' attivita' marittima u kummerċ tal-baħar. Il-livell fil-ħajja soċjali u tal-għixien, għap-paragun ta' postijiet oħra f'Malta, kien xi ftit aktar għoli. F'dak iż-żmien kien tiġa beda jinħass il-għaks jaħkem ħtija tat-tmexxija ħażina u antikwata tal-Ordni ta' San

 *(ikompli paġna 43)*

Ġwann. Bdiet ukoll tinxtered iż-żerriegħa tat-tgħallim tar-Rivoluzzjoni Franċiża, li beda dieħel bil-mod il-mod. Kellu t-tajjeb tiegħu wkoll.

F' L-Isla kien hawn ħafna tgergir l-aktar minn nies intellettwali u kummerċjanti dwar l-aġir tal-Ordni li kienet wisq ta' ideat konservattivi għall-aħħar, u dan bl-ebda mod ma ried ibiddel il-fehma tiegħu u l-idea ta' gwerra eterna kontra l-Islam. Għalhekk in-negozjanti u l-baħħara kienu minn ta' quddiem, li minħabba din il-ħaġa kellhom jibdew irossu ċ-ċintorin u fit-tgergir kontra t-tmexxija ekonomika ta' l-Ordni.

Il-belt Senglea kellha l-Kunsill Ċiviku, bis-Sindku tagħha, bil-Kunsullieri u r-rappreżentanti fil-Muniċipju tal-Belt Valletta. Il-Parroċċa kellha "status" għoli, kienet Kolleġġjata bil-Kapitlu u l-Arċipriet r-Rev. Kan. Salvu Bonnici, bniedem ħabrieki għall-aħħar. Ġo L-Isla kien hawn erba' Loġoġ tal-Mażunerija; waħda minnhom, "barra mis-swar", kienet fuq Kordin, ironikament tissejjaħ: *"Cabinetto San Giacobo"*; forsi kien tabilħaqq ironiku li minn din il-Loġġa trawmu xi "Ġakbini". Saru ħafna akkuzi li dawn il-loġoġ ta' Malta kienu f'konfoffa mal-Loġġa ta' Marsilja fi' Franża sabiex Malta taqa' f'idejn il-franċiżi.

L-għola uffiċjal amministrattiv ċivili ġo L-Isla kien il-Gvernatur tal-belt Senglea; kien franċiż, il-Balliju u Viċi-Ammiral *Fra Paul Julien Suffren de St. Tropez*, in-neputi tal-wisq famuż Ammiral, il-Balliju Fra Pierre Ardre' Suffren de St. Tropez. Fra Paul Julien Suffren kien wisq maħbub mis-Sengleani u mid-dehra li kien jaf bil-Malti sewwa; kellu jkun l-aħħar Gvernatur ta' L-Isla. Kien minn taħt il-taħt Framażun, fratell tal-Loġġa "tal-Palazz" (tal-Belt), imma dan ma' riedx joqgħod għall-ordni tal-Loġġa, u kien kontra li Malta tgħaddi għal taħt il-Franċiżi. Għalhekk għażel li jeżilja ruħu flimkien mal-Kap tiegħu l-Granmastru Hompesch meta Napuljun "qalftu" (lil Granmastru) minn Malta. Kienet konfoffa ta' tradiment li baqgħet tissemma fl-istorja tad-dinja!

Ġo L-Isla kollox kien imħejji f'kaz ta' xi attakk mill-għadu. L-Isla kellha r-Reġiment tagħha, bil-bandiera tar-Reġiment ukoll. Dan ir-Regiment *"Reggimento della Citta Senglea"* kellu 10 (għaxar) kumpaniji ta' stakkamenti ta' suldati, u dan ir-Reġiment kien jinkludi l-*"Compania Colonella"* bi tlet fizzjali. Il-Balliju Suffren kien ukoll il-Kurunell tar-Reġiment ta' L-Isla. Il-"Quartiere" li kien sar ħerba bil-bombi fi blitz tas- 7


*(ikompli paġna45)*

ta' April 1942, kien il-Palazz tal-Kurunell tar-Reġimenti tal-Kottonera. Kien magħruf bħala "Dockyard Quarters", u kien malli tidħol il-mina, fuq ix-xellug. Il-Forti San Mikiel kien il-Kwartier Ġenerali tal-armata fil-Cottonera.

Inzerta li l-Viċi-Ammiral Suffren, huwa u ġej lura lejn Malta irieġl konvoj ta' bastimenti, qrib Scicca fi Sqallija iltaqa u daħal bla ma kien mistenni ġol Armata ta' Napuljun fi triqtha biex taħbat għal Malta. Dan Suffren ma' kellux l-iċken stima lejn ir-Repubbikani u lesta għalli jista jinqala'. Imma billi l-Franċiżi kienu jafu xi jsarrfu l-baħħara Maltin, ħallewhom jgħaddu minn ġo nofshom bla ma' taw l-iċken ħjiel tal-ħsieb ħajjen tagħhom, li bi ħsiebhom jaħtfu 'l-Malta. Il-kanuni li jiddefendu s-swar u t-trunċieri ta' L-Isla kienu kollha għall-lest, kollox floku, bla ma' ġara aktar tard f'postijiet oħra fejn saru ħafna tradimenti. Ġo L-Isla kien hemm lealta' sħiħa lejn l-Ordni ta' San Gwann.

L-invażżjoni ta' Malta mill-Franċiżi

Fis- 6 ta' Ġunju 1798 tfaċċat fuq ix-xefaq l-armata u l-flotta Franċiża mmexxija mil-General Bonaparte. Qam paniku u twehiz kbir fil-Gżejjer Maltin. Il-gwerra qatt ma' ġġib ġid jew risq magħha! Mas-sbiħ tad- 9 ta' Ġunju 1798 (21 Prairal AN 6.) bdiet l-invażżjoni ta' dawn il-gżejjer mill-franċiżi. Kienet għada kif ankrat mis-safar il-flotta tal-ġfien ta' Ordni taħt il-Viċi Ammiral Suffren, u sorġew xi bastimenti mal-mollijiet.

Kif tiġa għedt li l-belt Senglea kienet lesta għal kull attakk mill-għadu, u għalkemm bosta Sengleani xtaqu li jsiru xi bidliet fil-kostituzzjoni ta' l-Ordni, imma ċ-ċittadini ta' din il-belt kienu bi ħġarhom leali lejn l-Ordni ta' San Gwann.

Il-Ballju Suffren imbarra sewwa bil-ġebel il-Mini ta' L-Isla, tħejjew il-kanuni, u s-suldati lestaw ruħhom għat-taqbid u għall-attakki ta' l-għadu. Imkien ġo L-Isla ma' kienet irrapurtata xi konfoffa jew xi tradiment. Il-Ballju, wara li assigura lill-poplu Senglean li L-Isla kienet imħejjija sewwa għad-difiża, ħalla kollox f'idejn il-Logutenant tiegħu, qabad il-gondla tiegħu u salpa lejn il-Belt Valletta ħalli jkun qrib il-Kap tiegħu, il-Granmastru Hompesch, għax Suffren, fuq kollox, kien ukoll fil-Kunsill ta' Gwerra, għad-difiża ta' dawn il-gżejjer.

 (ikompli paġna47)

Il-waqa' ta' Malta f'idejn il-General Bonaparte seħħet fit-12 ta' Gunju 1798. Malli ġo L-Isla n-nies saru jafu biċ-ċedir ta' Malta f'idejn il-franċiżi bi tradiment, qamet ħambqa sħiħa! Saret daqsxejn ta' rewwixta, saru protesti u sar ħafna diżgwid, għax in-nies ma' xtaqux l-Ordni titlaq. Imma fl-aħħar mill-aħħar l-awtoritajiet ipperswadew lill-poplu, li kellu jbaxxi rasu għall-ordnijiet li ħarġu mill-Granmastru n-nifsu. Fl-10 ta' Ġunju is-swar tal-Kottonera kienu ġa mdawwin bis-suldati nvażuri franċiżi tad-Diviżżjoni tal-General Desaix (tinqara: Deze'), u fuq l-għolja ta' Kordin, il-franċiżi ħejjew bużijiet ħalli jibbumbardjaw L-Isla bihom.

Biċ-ċedir ta' Malta it-truppi ta' Desaix daħlu sabiex jokkupaw il-Kottonera, u l-Ġeneral Belliard bil- 21 demi-Brigata tal-infanterija daħal u okkupa L-Isla fit 12 ta' Ġunju 1798. Minn fuq il-Kavallier tal-Forti San Mikiel tniżżlet il-glorjuża bandiera tal-Ordni ta' San Ġwann, li kienet ilha tperper fuq il-"Belt Invitta" sa mill-1552. Flokha ttellhet il-bandiera Repubblikana tal-ħakkiema Franċiżi, it-'Tricolor'.

Tibda l-ħakma franċiża

Mingħajr dubju li bdew jiġru xnigħat u għidut dwar l-imġieba mill-għargħar, ta' għajb u arroganti tas-suldati franċiżi meta dawn bdew jokkupaw l-irħula u l-kampajna Maltija, bis-serq, bil-qtil, bis-sakkeġġ u bli stuprar tagħhom. Ġo L-Isla għall-bidu ma' ġrawx minn dawn l-affarijiet. Imma lanqas ma' nsterqu l-fided u t-teżori tal-knejjes ta' L-Isla. Mandankollu l-Knisja Parrokkjali bdiet issofri mit-tnaqqir tal-beni tagħha, ta' propjeta' ta' artijiet u għelieqi. Għalkemm bil-miġja tagħhom il-franċiżi neħħew bla telf ta' żmien l-għajb tal-jasar, spiċċa l-ħabs tal-ilsiera ġo L-Isla. Bdew ħerġin ruxxmata ta' ordnijiet minn idejn Bonaparte nnifsu, xi wħud minnhom jolqtu lil L-Isla.

B'ordni ta' Napuljun tneħħa il-Kunsill Ċiviku ta' L-Isla, u din il-belt ġiet integrata fil- "Muniċipju tal-Lvant" tal-Belt ta' Malta (Cite' de Malte). L-Isla saret parti mil-Belt Kapitali ta' Malta. Jingħad li l-Ġeneral Bonaparte nnifsu li kien l-ewwel bniedem li semma dawn l-ibliet bħala: *"It-tlet t'ibliet"* (Le Trois Cite'). B'ordni (arrete') tat-13 ta' Ġunju 1798, (25 Prairal AN VI) sar il-Muniċipju tal-Lvant taħt il-Presidenza ta' Giuseppe Maurin, Bormliż. Mil L-Isla kien hemm Gejtano Bertis u Dr Gejtano Pisani.

 *(ikompli paġna48)*

Magħhom kien hemm Marc Antonio Muscat u Giovanni Dalli. Il-Muniċipju ltaqa' l-ewwel darba fit- 22 ta' Ġunju, (4 Messidor An VI) ġol-Palazz tal-Kaptani, magħruf bħala d-"Dockyard Terrace" ix-Xatt ta' L-Isla. Bħala mħallef tal- Paċi l-franċiżi poġġew lil Dr Giuseppe Calcedonio Debono.

Fit- 13 ta' Ġunju, b'ordni tal-Ġeneral Berthier, il-Ġeneral Desaix rtira mill-Cottonera bit-truppi tiegħu u tħallew ġo L-Isla stazzjonati is- 7 Brigata tal-Infanterija u d- 19 Demi-Brigata tal-Armata ta' Vaubois. It-truppi ġew stazzjonati fil-Forti San Mikiel, waqt li l-Ġeneral Vaubois kellu 400 suldat stazjonati fil-Ponta bħala Gwarnigjun. Dawn kollha kienu taħt il-kmand ta' Brigadier.

B'digriet tas- 17 ta' Ġunju 1798 il-Ġeneral Bonaparte neħħa l-Uffiċċju tal-Gvernatur tal-belt Senglea. Il-Balliju Suffren baqa' leali lejn l-Ordni u l-Kap tagħha sal-aħħar. Kien l-aħħar Gvernatur ta' L-Isla. Telaq minn Malta jakkompanja lill-Granmastru Hompesch u mar Trieste miegħu fis- 17 ta' Ġunju.

Il-Ġeneral Bonaparte ried li jiltaqa' ma' l-Isqof Labini flimkien ma' l-Arċipriet u l-Kappillani ta' Malta. Dawn marru l-belt Valletta f'Palazzo Parisio fit- 13 ta' Ġunju, u l-Arċipriet ta' L-Isla, Il-Kanonku Dun Salv Bonnici kien hemm għalkemm kien marid. Imma il-Ġeneral Bonaparte kellu bżonn il-flus u n-nies għall-gwerer tiegħu fl-Eġittu u Lvant Nofsani, u dawn li kienu mportanti għalih. Għajnejh għokritu għall-ġid tal-Konservatorju Sagnani, orfanatrofju ġo Triq is-Sirena li kien immexxi mis-sorijiet Dumnikani, u dawn kienu jieħdu ħsieb xbejbiet u tfajliet orfni. B'ordni neħħieh u seraq il-beni tiegħu kollha.

Bħal postijiet oħra f'Malta, ġo L-Isla bdew jitneħħew u jinbarxu l-armorjali u armi mnaqqsan kemm tan-nobbli u kemm ta' l-Ordni. Naraw dawk it-tlet armi fuq il-Mina ewlenija, dawk it-tnejn tal-Mina tal-Porto Salvo fil-Ponta, (tal-Ordni u l-arma tal-Granmastru de Omedes), fil-Mina tas-sur il-baxx kien hemm tnejn; u kienet arma tal-Granmastru De Rohan. Kien hemm ukoll u nbarxu, l-arma ta' De Omedes u tal-Kavallier Malfriere fil-Knisja ta' San Ġiljan; xi armi fil-kantuniera ix-Xatt ma' Strada San Giuliano fil- Casa Romegas, dawn ukoll imbarxu; dawk li kien hemm



(ikompli paġna49)

fil-Bwejba, u wisq naħseb li kien hemm xi armi u tneħħew fil- Villa Sirena. Kien hemm xi armi fit-funtana li kien hemm fi Strada Vittoria, dawn ukoll tneħħew. Wisq ikolli ngħid li kien hemm xi armi mal-Kavallier tal-forti San Mikiel li tneħħew, kif ukoll mas-sur tal-Maċina u mal-Palazz tal-Kaptani.

Il-Ġakbini qabdithom tassew furja fuqhom u ħerqa kbira sabiex jineħħew dawk l-armi ta' l-Ordni ta' San Gwann. Imma xi oħrajn li kienu fil-ġnien (giardino) tal-Granmastru de Omedes baqu' sħaħ, u erba minnhom instabu fit-tiġrif tal-gwerra (1939-1945), inġabru, u jinstabu maħżunin fil-Mużew Arkeologiku l-Belt.

Il-Ġeneral Bonaparte kellu bżonn in-nies għall-gwerer tiegħu, u għalhekk ordna illi l-baħrin tal-flotta ta' l-Ordni jingaġġhom mal-flotta Franċiża. Il-flotta ċkejkna ta' l-Ordni ġiet ordnata li tbaħħar mal-Armata Franċiża lejn l-Eġittu u kienu ħafna dawk l-ommijiet u nisa li qatt aktar ma' reġu raw lill-uliedhom u lill-żwieġhom aktar. Feliċ Cutajar jgħidilna li mill- "Quartiere" ġo L-Isla Napuljun ħa miegħu 800 suldat, u l-Monsinjur Fortunato Panzavecchia, storiku kbir mil- L-Isla jgħid li dawn ġew imġegħla li jingaġġaw mal-Armata ta' Napuljun, u ħadhom miegħu l-Eġittu.

Il-Franċiżi kienu sakranin bir-rebħ u t-trionfi tagħhom. Fl- 14 ta' Lulju, il-festa nazzjonali franċiża saret il-festa tal-arblu tal-liberta'. Kif jgħidilna r-Rev. Baldacchino ta' San Filippu fid-djarju tiegħu u jsejjaħlu "il-misħut arblu"! Kien hemm biżżejjed suldati franċiżi jokkupaw L-Isla u jkollhom bhiex jiċċelebraw. Ma nafux fejn saret din il-festa, naturalment fi Strada Vittoria ma' Strada San Giuliano. Il-poplu beda jsib ruħu magħfus wisq b'liġijiet ta' Gvern ateu u antiklerikali. Kienu saru ħafna wegħdiet sbieħ imma fiergħa ta' propaganda Franċiża, u l-poplu Malti sab ruħu mqarraq, misruq u ttradut.

U fl-aħħar faqqgħet sajjetta fil-bnazzi. Kienet il-Battalja fuq il-baħar tal-Ammiral Ingliż Horatio Nelson. Rebħa kbira fuq il-flotta franċiża ġo Abukir (fl-Eġittu). Taħom xeba' kif imiss u ħarbathom. Ħarbu biss żewġt igfien, u kollhom għajb u mistħija sorġew bejn Il-Birgu u L-Isla. Il-battalja ta' Abukir issiġillat id-destin ta' l-istorja ta' pajjiżna. Fit- 2 ta' Settembru l-Maltin qamu bi ħġarhom kontra l-franċiżi, u bdiet ir-Rivoluzzjoni Maltija. Il-Festa tal-Bambina ma' saretx minħabba dan.